MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.
IAN SPITERI BAILEY**

Seduta tas-7 ta' Novembru, 2006

Talba Numru. 1803/2005

**FIT-TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR**

**DR IAN SPITERI BAILEY LL.D. LL.M.
GUDIKATUR**

**Seduta ta' nhar it-Tlieta 11 ta' Lulju 2006**

**Numru fuq il-lista :**

**Talba Numru : 1803/05ISB**

**Korporazzjoni ghas-Servizzi ta' l-Ilma**

**f'isimha propju u ghan-nom ta' l-Enemalta**

**Vs**

**Silvana Zammit I.D. 495165 (M)**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi pprezentat fit-12 ta' Ottubru 2006, fejn intalab li l-konvenuta tigi kkundannata thallas lill-Korporazzjoni attrici s-somma ta' erba' mija u sebgha u sittin Liri Maltin u hamsa u ghoxrin centezmu (Lm467.25), ghar-ragunijiet msemmija fl-Avviz msemmi, bl-imghax kummercjali u bl-ispejjes inkluzi Lm14.50 ta' l-ittra ufficjali tas-16 ta' Awissu 2004.

Wara li ra n-nota tal-mistoqsijiet tal-Korporazzjoni attrici sabiex il-konvenuta twiegeb ghalihom bil-gurament u b'hekk il-kreditu jigi ppruvat (Artikoli 698(2) u 702 tal-Procedura Civili);

Billi ghalkemm notifikata regolarment, il-konvenuta naqset u ma dehritx la fis-seduta tas-27 ta' Gunju 2006, meta gew ipprezentati l-kapitoli ghas-subizzjoni u lanqas ghas-seduta ta' llum, u n-nota tal-mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra;

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

Ghaldaqstant peress illi t-talba tal-Korporazzjoni attrici tirrizulta sodisfacentement ippruvata, u wara li ra l-Artikolu 13 (b) tal-KAP 380 tal-Ligijiet ta' Malta, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenuta thallas lill-Korporazzjoni attrici s-somma ta' erba' mija u sebgha u sittin Liri Maltin u hamsa u ghoxrin centezmu (Lm467.25), bl-interessi kummercjali u bl-ispejjes kollha kif mitluba fl-Avviz, li ghandhom jigu sopportati interament mill-konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------